**KUNSILL LOKALI SANTA VENERA**
Kumpless Umberto Calosso
Triq il-Kbira San {u\epp
Santa Venera SVR 1013

Tel: 21491030 Fax: 21491664
E-Mail: santavenera.lc@gov.mt
Web page: http://www.stvenera.gov.mt

**25/17**

**Minuti tal-hamsa u ghoxrin laqgħa tas-sbattax il-sena tal-Kunsill Lokali ta' Santa Venera li saret nhar it-Tlieta 22 ta' Frar, 2011, fil-bini amministrattiv tal-Kunsill, Kumpless Umberto Calosso, Triq il-Kbira San Guzepp, Santa Venera**

**Preżenti:**

Is-Sur Horace J. Anastasi---Sindku
Is-Sur Ronald Briffa---Viċi Sindku - * (Dahal 7.35pm)
Is-Sur Carmel Camilleri---Kunsillier
Is-Sinj. Mariella Micallef---Kunsilliera
Is-Sur Stephen Sultana---Kunsillier
Is-Sur Cleaven Bugeja---Kunsillier

Is-Sur Joseph M. Formosa – Agent Segretarju Ezekuttiv

**Skuzat:**

Is-Sur Edwin Formosa---Kunsillier

**AGENDA** .

1. Talba

2. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqghat msejha b'urgenza (Minuti tad-19 il-Laqgha li saret fit-2 ta' Frar, 2011, Minuti tal-20 Laqgha li saret fis-7 ta' Frar, 2011, Minuti tal-21 Laqgha li saret fid-9 ta' Frar, 2011, Minuti tat-22 Laqgha li

saret fil-11 ta' Frar, 2011, Minuti tat-23 Laqgha li saret fil-15 ta' Frar, 2011, Minuti tal-24 Laqgha li saret fis 16 ta' Frar, 2011)

3. Affarijiet li tqajmu mill-minuti tal-laqghat msejha b'urgenza (Minuti tad-19 il-Laqgha li saret fit-2 ta' Frar, 2011, Minuti tal-20 Laqgha li saret fis-7 ta' Frar, 2011, Minuti tal-21 Laqgha li saret fid-9 ta' Frar, 2011, Minuti tat-22 Laqgha li saret fil-11 ta' Frar, 2011, Minuti tat-23 Laqgha li saret fil-15 ta' Frar, 2011, Minuti tal-24 Laqgha li saret fis 16 ta' Frar, 2011)

4. Kommunikazzjonijiet mis-Sindku

5. Ghaqdiet

6. Aggornament

**Talba**

Il-laqgha bdiet fis-5.40pm wara talba qasira mis-Sindku u l-Kunsllieri prezenti.

**Sospenzjoni ta' l-Agenda**

Mal-ftuh tal-laqgha il-Kunsill qabel li jissospendi l-agenda sabiex il-Kunsillier Sur Carmel Camilleri inghata l-fakulta sabiex jindirizza din il-laqgha dwar materja ta' importanza u urgenza.

**Dhul ta containers kbar fi Triq Carini, Santa Venera.**

Is-Sur Carmel Camilleri qal li ricentament dahlu tlett (3) containers kbar li wiehed minnhom dahal ukoll wrong way.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li s-Sur Raphael Carabott manager tal-Wardens gie infurmat izda l-Wardens ma gewx.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li dan gara ftit tal-granet ilu meta Triq Carini giet maghluqa ghal xi siegha u hadd ma seta johrog jew jidhol f'din it-triq.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li s-sitwazjoni marret ghall-ghar ghax Triq Carini issa saret qisha Container Depot.

Is-Sur Carmel Camilleri qal li huwa talab lill-Amministrazjoni tal-Kunsill sabiex jinghata kopja tal-korrispondenza kollha dwar Carini Street fil-kontess ta dhul u hrug ta containers gewwa din it-triq.

Is-Sur Carmel Camilleri stqarr li ma ghandu xejn kontra l-imhazen gewwa din it-triq sabiex jintuzaw bhala stores izda l-problema principali hija dik li l-containers huma kbar hafna u huwa dan il-kobor li qed johloq il-problema.

Is-Sindku wiegeb li filwaqt li jissimpatizza mas-sentiment tas-Sur Carmel Camilleri, il-Kunsill ghamel u jibqa jaghmel dak kollu possibli sabiex gewwa din it-triq ir-residenti jkollhom hajja ahjar izda dan jehtieg il-hidma kollettiva ta l-Awtoritajiet, il-Pulizija u dawk kollha li ghandhom x'jaqsmu sabiex isibu soluzjoni ghall-problema u sabiex tirrenja l-paci publika u l-ordni mehtiega.

Il-laqgha kompliet skond l-agenda.

**2. Qari u approvazzjoni tal-minuti tal-laqghat msejha b'urgenza (Minuti tad-19 il-Laqgha li saret fit-2 ta' Frar, 2011, Minuti tal-20 Laqgha li saret fis-7 ta' Frar, 2011, Minuti tal-21 Laqgha li saret fid-9 ta' Frar, 2011, Minuti tat-22 Laqgha li saret fil-11 ta' Frar, 2011, Minuti tat-23 Laqgha li saret fil-15 ta' Frar, 2011 u Minuti tal-24 Laqgha li giet imsejha ghas 16 ta' Frar, 2011)**

**(i) Minuti tad-dsatax l-laqgha li saret fit 2 ta' Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti.

Approvazzjoni tal-minuti tat 2 ta' Frar 2011. Dawn il-minuti gew approvati nem con.

**(ii) Minuti tal ghoxrin laqgha li saret fis 7 ta Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti.

Is-Sur Stephen Sultana gibed l-attenzjoni li kellu jinghad f'dawn il-minuti illi din il-laqgha saret it-Tnejn 7 ta Frar 2011 flok is-Sibt 5 ta' Frar, 2011 wara kommunikat mid Dipartiment tal-Gvern Lokali.

Approvazzjoni tal-minuti tas-7 ta Frar 2011. Dawn il-muti gew approvati nem con.

Affarjiet li tqajmu mill minuti tas-7 ta Frar, 2011.

Kommunikat mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar din il-laqgha.

Is-Sindku qal illi fuq kommunikat mis-Sur Stephen Sultana lis-Sur Silvio Frendo fid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar jekk il-laqgha li ssejhet ghas Sibt filghodu b'urgenza setghetx issir fil-hin indikat huwa xtaq jispjega illi Dr Angel Vella mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali indikat l-artikolu fejn juri l-hin tal-laqghat u semmiet ukoll li laqgha b'urgenza ghandha titratta biss il-materja urgenti li ghaliha tkun issejhet u ma spjegatx jekk materja hux suggett wiehed jew aktar.

**(iii) Minuti tal-wiehed u ghoxrin laqgha li saret fid 9 ta' Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti.

Is-Sindku talab korrezjoni dwar li l-Kunsillier Sur Stephen Sultana kien dahal wara li kienet spiccat il-laqgha u li meta dahal is-Sur Stephen Sultana ghalkemm kienu ghadhom madwar il-mejda u ghalkemm kien huwa (s-Sindku) li talab lil Agent Segretarju Ezekuttiv sabiex jonforma lis Sur Stephen Sultana dwar id-decizjoni tal-Kunsill, huwa (s-Sindku) kien diga iddikjara li l-laqgha kienet maghluqa fil-hin meta dahal is-Sur Sultana fil-kamra tal-Kunsill.

Is-Sur Stephen Sultana ma qabilx dwar dan u beda jinsisti li huwa dahal waqt li l-laqgha kienet ghadha ghaddejja.

F'dan l-istadju s-Sindku talab ghal sospenzjoni tal-laqgha ghal-nofs siegha sabiex tkompli fit 7.45pm.

Il-Kunsillier Sur Stephen Sultana u s-Sur Cleaven Bugeja hargu mill-laqgha fis 7.15pm.

Il-Vici Sindku Sur Ronald Briffa dahal fil-Kamra tal-Kunsill fis-7.35pm.

Fit-7.45pm is-Sindku kompla bil-laqgha.

Meta kompliet il-laqgha il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku sabiex issir korrezjoni tal-abbozz tal-minuti kif prezentati.

Il-minuti tal-laqgha tad 9 ta' Frar, 2011 (kif emendati) gew approvati nem con.

**(iv) Minuti tat-tnejn u ghoxrin laqgha li saret fil-11 ta Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti. Dawn il-minuti gew approvati nem con.

**(v) Minuti tat-tlieta u ghoxrin laqgha li saret fil-15 ta Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti. Dawn il-minuti gew approvati nem con.

**(vi) Minuti tal-24 laqgha li saret fis 16 ta Frar, 2011**

L-Agent Segretarju Ezekuttiv qara dawn il-minuti li juru li ma kienx hemm quorum u li din il-laqgha giet ukoll aggornata ghal-Hamis 24 ta' Frar, 2011. Dawn il-minuti gew approvati nem con.

**Aggornament**

Qabel giet aggornata l-laqgha, il-Kunsill qabel li jaghmel kommunikat ma Transport Malta (TM) dwar dawn it-temi li jinsabu pendenti.

i. Zewg linji sofor imtawlin minn hdejn il-liewja tar-roundabout ta bejn Triq il-Ferrovija u Triq il-Kappillan Mifsud (fuq in-naha tat-Terranova) sa l-ewwel dar.

ii. Mal-bankina tal-LiDL jinzebghu zewg linji sofor halli l-parrucani tal-LiDL jibqghu nezlin fil-garaxx tieghu u ma jingemghax dak it-traffiku kollu u ma jkunx hemm inkonvenjent kbir.

iii. It-toroq ta' qrib il-LiDL jigu "one-way". Dan ghandu jkun hekk:

Talba A

a 01) Tidhol biss ('il isfel) go Triq Regjonali (l-parti tan-naha tal-LiDL u mhux li tmiss ma' Harry Ironmonger)

a 02) Tidhol biss ('il isfel) fi Triq is-Soll u Triq il-Kahla u minnhom tohrog minn go Triq l-Omnibus ghal Triq il-Kappillan Mifsud u ddur 'il fuq biss

a03) Minn Triq is-Soll tista tibqa hiereg minnha u ddur biss lejn il-LiDL u tista tibqa hiereg

a04) Tidhol biss minn Triq Misrah il-Barrieri (d-dritta) ghal go Misrah il-Barrieri fejn hemm il-LiDL u tibqa hiereg minnha.

jew

Talba B

b01) Ghal Triq is-Soll tidhol biss, minn Triq Misrah il-Barrieri u tohrog minn Omnibus

b02) Ghal Triq il-Blata 'l Kahla tidhol biss minn Triq Regjonali u tohrog biss minn Triq L-Omnibus

b03) Minn Triq L-Omnibus iddur ghall fuq biss, fi Triq il-Kappillan Mifsud.

Fid 8.45pm il-laqgha giet aggornata ghat 3 ta Marzu, 2011 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Joseph M. Formosa | Horace J. Anastasi |
| Agent Segretarju Ezekuttiv | Sindku |